MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 643/2009

**Saviour Muscat (K.I. 780960M) u martu Carmen Muscat (K.I.451461M))**

**vs**

**Silvio Borg (K.I. I024946M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' seba' mija sebgha u sebghin ewro (€777) rapprezentanti kwantu ghal tmenin (€80) ewro ghal provisti ta' hobz li gew ikkunsinjati lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess u kwantu ghal sitt mija u seba' u disghin ewro (€697) ghall-bilanc tal-prezz ta' vettura mibjugha mill-esponenti lill-konvenut skont il-ftehin anness mat-talba.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. U bl-imghax legali mill-31 ta' Marzu, 2009 sall-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Claudio Zammit fit-8 ta' Frar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------